**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Marzu, 2016

Rikors numru : 499/2015 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija erbgha u tmenin (1984)(Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li illum huma maggorenni;
2. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jghaddu ghall-kuntratt ta' separazzjoni (Ara Dok B anness) in forza ta' Digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006);
3. Illi l-partijiet ilhom aktar minn erbgha (4) snin dejure separati;

4. Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom disgha snin ma jghixux flimkien, illum ghadhom hajja totalment separata minn xulxin;
5. Illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni (klawsola 10), CB dejjem hallas il-manteniment dovut ghar-rikorrenti u ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment versu uliedu;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz taghha jeccepixxi :

Illi hu gie notifikat bir-rikors fuq citat tar-rikorrenti;

Illi fl-ewwel lok, u kif ammess mir-rikorrenti stess, l-esponenti dejjem obda kull ordni ta' din il-Qorti inkluz il-hlas tal-manteniment (premessa 5 tar-rikorrenti fir-rikors fuq citat);

Illi fit-tieni lok l-esponenti jirrileva li qatt ma xtaq u lanqas ma kellu l-hsieb li jipprocedi bi procedura ta' divorzju kontra ir-rikorrenti;

Illi dan nonostante l-esponenti jirrileva li ma issibx oggezzjoni li din il-Qorti tilqa' t-talbiet rikorrenti b'dan illi jekk din il-Qorti ma issibx xi impediment legali u dejjem taht id-direzzjoni ta' din il-Qorti;

Illi pero' ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-esponenti ihoss li filwaqt li m'ghandux oggezzjoni ghat-talbiet attrici m'ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

Ghaldaqstant, l-esponenti filwaqt illi jirrimetti ruhu ghal kull ordni li din il-Qorti jidhrilha xierqa fir-rigward tat-talbiet attrici, jitlob li din il-Qorti illi f'kaz illi tilqa' t-talbiet rikorrenti tikkundanna l-istess rikorrenti li thallas l-ispejjez kollha tal-proceduri minnha mitluba;

Daqstant ghandu l-unur jissottometti lil din il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ Dicembru 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta’ Lulju 2006 u ilhom aktar minn erba’ snin de facto separati minn ma xulxin;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.